Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 1150/2000

tat-22 ta' Mejju 2000

li jimplimenta d- ►M2 Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ◄

(ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2028/2004 tas-16 ta' Novembru 2004	L 153M	162	7.6.2006
►M2	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 105/2009 tas-26 ta' Jannar 2009	L 36	1	5.2.2009

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 105, 13.4.2006, p. 64 (2028/2004)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)
Nru 1150/2000

tat-22 ta' Mejju 2000

li jimplimenta d-►M2 Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ◄

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 279 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 183 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KEE, Euratom tal-31 t'Ottubru 1994 dwar is-sistema tar-riżorsi tal-Komunità innifisha ([1]), u partikolarment l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ([3]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jimplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom propriji tal-Komunitajiet ([4]) kien ġie ta' spiss u sostanzjalment emendat ([5]). Għal raġunijiet ta' kjarezza u razzjonalita‘ l-imsemmi Regolament għandu għalhekk ikun ikkodifikat.

(2) Billi l-Komunità għandu jkollha r-riżorsi tagħha proprji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 tad- Deċiżjoni 94/728/KEE, Euratom disponibbli bl-aħjar kondizzjonijiet possibli u għalhekk arranġamenti addizjonali għandhom ikunu preskritti għall-Istati li jipprovdu lill-Kummissjoni bir-riżorsi tagħha proprji allokati lill-Komunitajiet.

(3) Tradizzjonalment ir-riżorsi tagħha proprji huma miġbura mill-Istati Membri skond il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li huma, fejn meħtieġ, adattati għal ħtiġiet tar-regolamenti tal-Komunità. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja dawn l-adattamenti u, fejn xieraq, tagħmel proposti.

(4) Billi l-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, adottataw riżoluzzjoni fit-13 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità ([6]);

(5) Il-kunċett ta' amministrazzjoni għandu jkun definit f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tagħha proprji u regoli dettaljati għandhom ikunu preskritti biex jissodisfaw l-obbligi ħalli jkunu stabbiliti r-

([1]) ĠU L 293, tat-12.11.1994, p. 9. Deċiżjoni li tieħu post Deċiżjoni Nru 88/376/KE, Euratom (ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 24).
([2]) L-opinjoni mgħotija fit-18 ta' Jannar 2000 (li għandha ma ġietx ippublikata fil-Journal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 145, tad-9.5.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 155, tas-7.6.1989, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1355/96 (ĠU L. 175, tat-13.7.1996, p. 3).
([5]) Ara l-Anness, Parti B.
([6]) ĠU C 328, tas-17.12.1991, p. 1.

▼B

riżorsi tagħha proprji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) ta' Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom.

(6) Billi għar-riżorsi tagħha proprji li joriġinaw minn imposti fuq iz-zokkor, li jenħtieġ li jkunu rkuprati fl-estimi tas-sena li jikkorespondu mas-sena tas-suq li dwarha tirrelata l-ispiża, għandha ssir dispożizzjoni għall-Istati Membri biex jgħamlu dawk l-imposti disponibbli lill-Komunità matul is-sena ta' l-estimi li biha huma stabbiliti.

(7) It-trasparenza għas-sistema tar-riżorsi tagħha proprji għandha tkun imtejba u aktar informazzjoni ipprovduta mill-awtorità tal-*budget*.

(8) L-Istati Membri għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, jgħaddulha d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa ħalli hi tkun tista' teżerċita l-poteri mgħotija lilha f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet.

(9) Billi l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal ġbir tar-riżorsi tagħhom proprji għandhom ikunu jistgħu jipproduċu lill-Kummissjoni fil-waqt kollu d-dokumenti li jissostanzjaw ir-riżorsi tagħhom proprji miġbura.

(10) L-arranġamenti li bihom l-Istati Membru jwasslu rapporti lill-Kummissjoni, għandu jagħmilha possibbli biex din ta' l-aħħar tissorvelja l-azzjoni ta' l-Istati Membri li jirkupraw ir-riżorsi tagħha, partikolarment f'każi ta' frodi u irregolaritajiet.

(11) Kontijiet separati għandhom jinżammu għal intitolamenti li ma jkunux ġew irkuprati. Dawn il-kontijiet u s-sottomissjoni ta' stqarrija ta' kull tliett xhur ta' dawn il-kontijiet għandhom jiffaċilitaw lill-Kummissjoni biex tissorvelja aktar mill-qrib l-azzjoni meħudha minn Stati Membri biex jiġbru r-riżorsi tagħha, u partikolarment dawk kompromessi bi frodi jew irregolaritajiet.

(12) Għandu jkun preskritt limitu ta' żmien għal relazzjonijiet bejn Stati Membri u l-Kummissjoni, ladarba l-intitolamenti ġodda stabbiliti minn Stati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' snin bikrija huma meqjusa li jkunu stabbilimenti għas-sena kurrenti.

(13) Għandha ssir dispożizzjoni, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tagħha proprji li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud, minn hawn 'il quddiem imsejħa "riżorsi tal-VAT", li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 94/728/KEE, Euratom, biex Stati Membri jagħmlu disponibbli lill-Komunità, fil-għamla regolari ta' kull xhar ta' wieħed minn tnax, tar-riżorsi tagħha proprji mdaħħla fil-*budget* u sussegwentament li jaġġustaw l-ammonti li jkunu disponibbli skond il-bażi attwali tar-riżorsi tal-VAT malli dawn ikunu magħrufa bis-sħiħ.

(14) Din il-proċedura għandha wkoll tkun applikabbli għal riżorsi addizzjonali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2(1)(d) ta' l-imsemmija Deċiżjoni, li minn hawn 'il quddiem huma msemmija bħala "riżorsi addizzjonali", maħluqa bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-armonizzazzjoni tal-kalkoli tal-prodott gross nazzjonali fil-prezzijiet tas-suq ([1]).

(15) Ir-riżorsi tagħha proprji għandhom ikunu disponibbli fil-għamla ta' dħul fl-ammonti dovuti f'kont miftuħ għal dan il-għan f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor jew ma' korp maħtur minn kull Stat Membru. Biex ikunu ristretti l-movimenti tal-fondi għal dak li huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-*budget*, il-Komunità għandha tillimita lilha nnifisha għal ġbid mill-kontijiet imsemija hawn fuq biss biex tkopri l-ħtiġiet tal-flus tal-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 49, tal-21.2.1989, p. 26.

▼B

(16) Il-pagament ta' l-għajnuna li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1765/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 li jistabbilixxi sistema ta' sostenn għal proċeduri ta' ċerti prodotti agrikoli li jinżergħu ([1]), huwa prinċipalment ikkonċentrat fix-xhur tal-bidu tas-sena; billi l-Kummissjonu għandha jkollha riżorsi ta' flus biżżejjed biex tagħmel dan il-pagament.

(17) Deċiżjoni tal-Kunsill 94/729/KE tal-31 t'Ottubru 1994 li tirrigwarda d-dixxiplina tal-*budget* ([2]) tipprovdi għal dħul fil-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea ta' riserva li għandha x'taqsam masself tal-Komunità u garanziji ta' self lill-pajjiżi li mhumiex membri u f'dawk il-pajjiżi, riserva għal għajnuna ta' emerġenza. jeħtieġu li jsiru emendi biex ikopru d-dħul tar-riżorsi tagħha proprji li għandhom x'jaqsmu ma' dawn ir-riservi.

(18) Biex ikun assigurat li l-*budget* tal-Komunità jkun iffinanzjat fiċ-ċirkostanzi kollha, għandha tkun preskritta l-proċedura għal biex ikunu disponibbli l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-prodott gross domestiku, minn dawn 'il quddiem msemmi bħala l-"kontribuzjonijiet finanzjarji GNP", msemm ija fl-Artikolu 2(7) tad- Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom.

(19) Għandu jkun definit il-bilanċ li għandu jinġarr il-quddiem lejn issena finanzjarja ta' wara.

(20) L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki u inkjesti li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif u li jkunu disponibbli r-riżorsi tagħha proprji. Il-Kummissjoni għandha teżerċita l-poteri tagħha skond dan ir-Regolament. Il-poteri tal-Kummissjoni għandhom ikunu stipulati f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri ta' spezzjoni dwar ir-riżorsi addizzjonali.

(21) Kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni xierqa tar-regoli finanzjarji li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

▼M2

Artikolu 1

Ir-riżorsi proprji tal-Komunitatijiet Ewropej previsti fid-Deċiżjoni 2007/436/KE, *Euratom* ([3]), minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-riżorsi proprji" għandhom isiru disponibbli għall-Kummissjoni u spezzjonati kif speċifikat f'dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 ([4]), għar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 ([5]) u għad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom ([6]).

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 12. Regolament kif mibdul bir-Regolament (KE) Nru 1251/1999 (ĠU L. 160, tas-26.6.1999, p. 1).
([2]) ĠU L 293, tat-12.11.1994, p. 14.
([3]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).
([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1).
([6]) ĠU L 49, 21.2.1989, p. 26.

▼B

Artikolu 2

1. Għall-iskop li jkun applikat dan ir-Regolament, l-intitolament tal-Komunità għar-riżorsi tagħha proprji msemmija fl-►M2 Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom ◄ għandhom ikunu stabbiliti malli l-kondizzjonijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom bir-regolamenti tad-dwana jkunu twettqu rigward id-dħul għall-intitolament fil-kontijiet u n-notifikazzjoni tad-debitur.

2. Id-data tat-twaqqif li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 għandu tkun id-data tad-dħul fil-kotba tal-kontijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom fir-regolament doganali.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-imposti u taxxi oħra konnessi ma' l-organizzazzjoni komuni għas-suq taz-zokkor, id-data tat-twaqqif li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun id-data tan-notifika permezz tar-regolamenti taz-zokkor.

Jekk għal dik in-notifika ma jkunx hemm dispożizzjoni espliċita dwarha, id-data għandha tkun id-data tat-twaqqif mill-Istati Membri tal-ammonti dovuti mid-debituri, fejn meħtieġ bħala pagament bil-quddiem jew pagament tal-bilanċ.

3. F'każijiet fejn m'hemmx qbil, l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti għandhom jitqiesu, għall-iskopijiet ttat-twaqqif li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1, ikunu f'qagħa li jikkalkulaw l-ammont ta' l-intitolament mhux aktar tard minn meta l-ewwel deċiżjoni amministrattiva tkun meħudha li tinnotifika lid-debitur bid-dejn jew meta proċedimenti ġudizzjarji jkunu mressqa meta dan iseħħ l-ewwel.

Id-data tat-twaqqif li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun id-data tad-deċiżjoni jew tal-kalkolu li għandha ssir wara li jkun bdew il-proċeduri ġudizzjarji msemmija hawn fuq.

4. Il-paragrafu 1 għandu jkun applikabbli meta notifika għandha tkun ikkorreġuta.

Artikolu 3

Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jassiguraw li d-dokumenti ta'sostenn li jirrigwardaw it-twaqqif u biex jagħmlu disponibbli r-riżorsi tagħha, li jinżammu mill-anqas għal tliet snin kalendarji, li jibdew jgħoddu mit-tmiem tas-sena li għaliha dawn id-dokumenti ta' sostenn jirreferu.

▼M2

Id-dokumenti ta' sostenn li jirrigwardaw il-proċeduri statistiċi u l-bażijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 għandhom jinżammu mill-Istati Membri sat-30 ta' Settembru tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja kkonċernata. Id-dokumenti ta' sostenn dwar il-bażi tar-riżorsi tal-VAT għandhom jinżammu għall-istess perijodu.

▼B

Jekk il-verifika bis-saħħa ta' l-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-Regolament jew ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-dokumenti ta' sostenn li hemm referenza għalihom fl-ewwel u t-tieni paragrafi juru li korrezjoni hija meħtieġa, dawn għandhom jinżammu aktar mil-limitu ta' żmien li hemm dispożizzjoni dwaru fl-ewwel paragrafu għal perijodu suffiċjenti biex jippermettu li ssir il-korrezzjoni u li tkun sorveljata.

Artikolu 4

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni:

▼B

(a) bl-ismijiet tad-dipartimenti jew aġenziji responsabbli għat-twaqqif, il-ġbir, biex jagħmlu disponibbli u biex jikkontrollaw ir-riżorsi tagħha proprji u d-dispożizzjonijiet bażiċi li għandhom x'jaqsmu mar-rwol u l-operat ta' dawk id-dipartimenti u aġenziji;

(b) id-dispożizzjonijiet ġenerali preskritti bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva u dawk li għandhom x'jaqsmu tal-proċedura tal-kontijiet li tikkonċerna it-twaqqif, il-ġbir, li jagħmlu disponibbli u l-kontroll mill-Kummissjoni tar-riżorsi tagħha;

(ċ) it-titolu preċiż tar-reġistri amministrattivi u tal-kontijiet kollha li fihom jinkitbu l-intitolamenti stabbiliti kif speċifikat fl-Artikolu 2, partikolarment dawk użati għat-tħejjija tal-kontijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 6.

Il-Kummissjoni għandha tkun informata immedjetament b'xi tibdil f'dawk l-ismijiet jew dispożizzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba mill-Istati Membri l-oħra, tgħaddilhom l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

▼M2

Artikolu 5

Ir-rata msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, li għandha tkun iffissata fil-proċedura tal-baġit, għandha tkun ikkalkulata bħala perċentwal tas-somma tal-previżjoni tad-dħul gross nazzjonali, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "DGN") tal-Istati Membri b'tali mod li tkopri bis-sħiħ dik il-parti tal-baġit li ma tkunx iffinanzjata mid-dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi supplimentari ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku u introjtu ieħor.

Dik ir-rata għandha tiġi espressa fil-baġit b'figura li jkun fiha postijiet deċimali kemm ikun meħtieġ sabiex ir-riżorsa bbażata fuq id-DGN tinqasam kollha bejn l-Istati Membri.

▼B

TITOLU II

Kontijiet għar-riżorsi tagħha

Artikolu 6

1. Kontijiet għar-riżorsi tagħha proprji għandhom jinżammu mit-Teżor ta' kull Stat Membru jew minn korp maħtur minn kull Stat Membru u maqsum skond it-tipi ta' riżorsi.

2. Għall-iskopijiet tal-kontijiet tar-riżorsi tagħha, ix-xahar għandu jintemm mhux aktar kmieni mis-1 p.m. ta' l-aħħar jum tax-xogħol li matulu t-twaqqif ikun seħħ.

3. (a) Intitolamenti stabbiliti bi qbil ma' l-Artikolu 2 għandhom, bla ħsara għall-punt (b) ta' dan il-paragrafu, jiddaħlu fil-kontijiet mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xhar tax-xahar ta' wara li matulu l-intitolament ikun stabbilit.

(b) Intitolamenti stabbiliti li ma jkunux imdaħħla fil-kontijiet msemmija fil-punt (a), għaliex ikunu għadhom ma ġewx irkuprati u l-ebda garanzija ma tkun ġiet ipprovduta għandhom jintwerew f'kontijiet separati matul il-perijodu preskritt fil-punt (a). Stati Membri jistgħu jadottaw din il-proċedura meta l-intitolamenti stabbiliti li dwarhom garanzija tkun ġiet ipprovduta jkunu ġew sfidatati u jistgħu, mat-twettieq tal-kwistjonijiet li jkunu qamu, jkunu suġġetti għal tibdil.

▼M2

(ċ) Ir-riżorsi tal-VAT u r-riżorsa addizzjonali, b'kont meħud tal-effett fuq dawn ir-riżorsi tal-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u għat-tnaqqis gross mogħti lill-Olanda u lill-Isvezja għandhom, madankollu, jitniżżlu fil-kontijiet kif speċifikat fil-punt (a) kif ġej:

— il-tnax-il wieħed imsemmi fl-Artikolu 10(3) għandu jiġi reġistrat fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar,

— il-bilanċi msemmija fl-Artikolu 10(4) u (6) u l-aġġustamenti msemmija fl-Artikolu 10(5) u (7) għandhom jiġu reġistrati annwalment, minbarra għall-aġġustamenti partikolari msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 10(5), li għandhom jitniżżlu fil-kontijiet fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar ta' wara l-qbil bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni.

▼B

(d) L-intitolament stabbilit li għandu x'jaqsam ma' imposti u imposti oħra konnessi ma' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet msemmija fil-punt (a). Jekk dawn l-intitolamenti ma jkunux imbagħad miġbura fil-limiti taż-żmien iiffissat, l-Istati Membri jistgħu jikkorreġu d-dħul u, bħala eċċezzjoni, idaħħlu l-intitolament fil-kontijiet separati.

4. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, fil-limiti taż-żmien speċifikati fil-paragrafu 3:

(a) stqarrija ta' kull xahar dwar il-kontijiet tagħha ta' l-intitolament imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3.

Flimkien ma' dawn l-istqarrijiet ta' kull xahar, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu dettalji jew stqarrijiet tat-tnaqqis mir-riżorsi tagħhom proprji bbażati fuq id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' territorji ta' status speċjali.

(b) l-istqarrija ta' kull tliet xhur dwar il-kontijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3.

▼M1

Flimkien mad-dikjarazzjoni trimestrali finali għal sena partikolari, l-Istati Membri għandhom jibgħatu stima ta' l-ammont totali ta' drittijiet li jinstabu fil-kontijiet separati fil-31 ta' Diċembru ta' dik issena li l-irkupru tagħhom sar improbabbli.

▼B

Regoli dettaljati għall-istqarrijiet ta' kull xahar u kull tliet xhur imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu u emendi debitament sostanzjati għalihom, għandhom ikunu preskritti mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 20. Huma għandhom jipprovdu għallimiti xierqa taż-żmien għall-implimentazzjoni.

5. Fl-ewwel xahrejn li jiġu wara t-tmiem ta' kull kwart (tliet xhur), kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni deskrizzjoni tal-każjiet ta' frodi u irregolaritajiet misjuba li jinvolvu intitolamenti ta' aktar minn ECU 10 000.

Sakemm huwa possibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu dawn id-dettalji:

— it-tip ta' frodi u/jew irregolarità (indikazzjoni, proċedura doganali partikolari),

— ammont tar-riżorsi tagħha proprji evitati jew preżunti skond il-kobor tagħhom,

— oġġetti involuti (intestaturi tat-tariffa, oriġini, post minn fejn ikunu ġew),

— deskrizzjoni fil-qosor tal-mekkaniżmu tal-frodi,

— tip tal-verifika li tkun waslet għall-iskoperta tal-frodi jew irregolaritajiet,

▼B

— id-dipartimenti nazzjonali jew aġenziji li jkunu sabu l-frodi jew l-irregolarità,

— l-istadju milħuq fil-proċedura, inkluż l-istadju ta' l-irkupru, b'referenza għat-twaqqif diġa mgħamul,

— referenza għal notifika tal-każ permezz ta' Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 ([1]),

— jekk xieraq, l-Istati Membri involuti,

— miżuri meħuda jew maħsuba biex ma jħallux li jerġa jiġri il-każ ta' frodi jew irregolarità diġa misjuba.

Flimkien ma' kull stqarrija ta' kull tliet xhur bis-saħħa ta' l-ewwel sub-paragrafu, kull Stat Membru għandu jaqgħti dettalji tal-pożizzjoni li tirrigwaarda każijiet ta' frodi u irregolaritajiet diġa rrapurtati lill-Kummissjoni li l-irkupru tagħhom, il-kanċellament jew in-nuqqas ta' rkupru ma kienux ġew indikati qabel.

Għal dan l-iskop, kull Stat Membru għandu jindika għal kull wieħed mill-każijiet msemmija fl-ewwel sub-paragrafu:

— ir-referenza għall-komunikazzjoni oriġinali,

— il-bilanċ li għandu jkun irkuprat matul it-tliet xhur preċedenti,

— id-data tat-twaqqif,

— id-data tad-dħul bil-kontijiet separati li hemm dispożizzjoni dwarhom fil-punt (b) ta' paraghrafu 3,

— l-ammonti rkuprati matul it-tliet xhur f'dak il-każ,

— rettifiki tal-bażi (korrezzjonijiet/kanċellamenti) matul it-tliet xhur f'dak il-każ,

— ammonti li ġew imħassra,

— stadju milħuq tal-proċedura amministrattiva jew ġudizjarja,

— bilanċ li għandu jkun irkuprat fit-tmiem tat-tliet xhur f'dak il-każ.

Dettalji tad-deskrizzjonijiet ta' hawn fuq u emendi dwarhom issostanzjati kif xieraq għandhom ikunu mħejjija mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 20. Huma għandhom jipprovdu għal-limiti xierqa taż-żmien għall-implimentazzjoni.

▼M1

Artikolu 7

Wara l-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara sena partikolari, m' għandhom isiru l-ebda korrezzjonijiet oħra lis-somma tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar mibgħuta mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 6(4)(a) għas-sena in kwistjoni, ħlief dwar punti notifikati qabel din id-data mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru konċernat.

▼B

Artikolu 8

Korrezzjonijiet li jitwettqu permezz ta' l-Artikolu 2(4) għandhom jiżdiedu jew jitnaqqsu mill-ammont totali ta' intitolamenti stabbiliti. Dawn għandhom ikunu reġistrati fil-kontijiet kif speċifikat fl-

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awroritajiet amministrattivi ta' l-istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar id-dwana u materji agrikoli (ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 1).

▼B

Artikolu 6(3)(a) u (b) u fl-istqarrijiet kif speċifikat fl-Artikolu 6(4) bi qbil mad-data ta' dawn il-korrezzjonijiet.

Korrezzjonijiet rigward każijiet ta' frodi u irregolaritajiet diġa notifikati lill-Kummissjoni għandhom ikunu aċċennati.

TITOLU III

Id-disponibbilità tar-riżorsi tagħha

Artikolu 9

1. Skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 10, kull Stat Membru għandu jikkredita r-riżorsi tiegħu proprji fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor tiegħu jew mal-korp li jkun ħatar.

Dan il-kont għandu jinżamm mingħajr ħlasijiet.

▼M2

1a. L-Istati Membri jew il-korpi appuntati minnhom għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi:

(a) fil-jum tax-xogħol li fih ir-riżorsi proprji jkunu kkreditati fil-kont tal-Kummissjoni, rendikont tal-kont jew avviż ta' kreditu li juri d-dħul tar-riżorsi proprji;

(b) mingħajr preġudizzju għall-punt (a), sa mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara l-ikkreditar tal-kont, rendikont tal-kont li juri d-dħul tar-riżorsi proprji.

▼M1

2. Rendikont ta' l-ammonti akkreditati għandu jingħata f'euro skond ir-Regolament Finanzjarju [1] li huwa applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.

▼M2

Artikolu 10

1. Wara t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir taħt l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom id-dħul tar-riżorsi proprji msemmi fl-Artikolu 2(1)(a) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jsir mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol ta' wara d-19-il jum tat-tieni xahar ta' wara x-xahar li fih l-intitolament ikun ġie stabbilit taħt l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Madanakollu, għal intitolamenti murija f'kontijiet separati taħt l-Artikolu 6(3)(b) ta' dan ir-Regolament, id-dħul għandu jsir mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol ta' wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li fih l-intitolamenti jkunu rkuprati.

2. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem b'xahar id-dħul tar-riżorsi għajr ir-riżorsi tal-VAT u r-riżorsi addizzjonali abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom fil-15 tal-istess xahar.

Kull dħul imressaq 'il quddiem tista' tiġi aġġustata fix-xahar ta' wara meta jseħħ id-dħul imsemmi fil-paragrafu 1. Dan l-aġġustament għandu jinvolvi dħul negattiv ta' ammont ugwali għal dak mogħti fid-dħul imressaq 'il quddiem.

3. Ir-riżorsi tal-VAT u r-riżorsa addizzjonali, b'kkont meħud tal-effett ta' dawn ir-riżorsi fuq il-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u t-tnaqqis gross mogħti lill-Olanda u lill-Isvezja għandhom jiġu kkreditati fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar, u l-ammonti għandhom ikunu wieħed minn kull tnax tat-totali rilevanti fil-baġit, ikkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati tal-kambju tal-aħħar jum

[1] Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

▼M2

tal-kwotazzjoni tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena baġitarja, kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, Serje C.

Għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas tal-ispiża tal-FAEG, konformement mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [1] u abbażi tal-pożizzjoni tal-likwidità tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni sabiex jantiċipaw b'xahar jew b'xahrejn fl-ewwel kwart tas-sena finanzjarja d-dħul ta' wieħed minn tnax jew frazzjoni ta' wieħed minn tnax tal-ammonti fil-baġit għar-riżorsi tal-VAT u/jew ir-riżorsa addizzjonali, b'kont meħud tal-effett ta' dawn ir-riżorsi fuq il-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u t-tnaqqis gross mogħti lill-Olanda u lill-Isvezja.

Wara l-ewwel kwart tas-sena, id-dħul rikjest ta' kull xahar ma jistax jeċċedi wieħed minn tnax tar-riżorsi bbażati fuq il-VAT u d-DGN, filwaqt li jibqa' fil-limitu tal-ammonti mdaħħla fil-baġit għal dak l-iskop.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan bil-quddiem, mhux aktar tard minn gimgħatejn qabel id-dħul mitlub.

It-tmien subparagrafu li jirrigwarda l-ammont li għandu jiddaħħal f'Jannar ta' kull sena u d-disa' subparagrafu applikabbli jekk il-baġit ma jkunx għadu ġie finalment adottat qabel il-bidu tas-sena finanzjarja għandhom ikunu applikabbli għal dan id-dħul antiċipat.

Kull bidla fir-rata uniformi tar-riżorsi tal-VAT, fir-rata tar-riżorsa addizzjonali, fil-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u fl-iffinanzjar tagħha msemmi fl-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom u fl-iffinanzjar tat-tnaqqis gross mogħti lill-Olanda u lill-Isvezja għandu jirrikjedi l-adozzjoni finali tal-baġit emendatorju u għandu jwassal għal riaġġustamenti tal-ħlasijiet ta' wieħed minn tnax li jkunu ddaħħlu sa mill-bidu tas-sena finanzjarja.

Dawn ir-riaġġustamenti għandhom jittwettqu meta jsir l-ewwel dħul wara l-adozzjoni finali tal-baġit emendatorju jekk ikun adottat qabel is-16 tax-xahar. Inkella dawn għandhom jitwettqu meta jsir it-tieni dħul wara l-adozzjoni finali. B'deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riaġġustamenti għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-baġit emendatorju kkonċernat.

Il-kalkolu tal-wieħed minn tnax għal Jannar ta' kull sena finanzjarja għandu jkun ibbażat fuq l-ammonti stipulati fl-abbozz tal-baġit, imsemmija fl-Artikolu 272(3) tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 177(3) tat-Trattat tal-KEEA u kkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati tal-kambju tal-ewwel jum tal-kwotazzjoni ta' wara l-15 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena tal-baġit; l-aġġustament għandu jsir mad-dħul tax-xahar li jmiss.

Jekk il-baġit ma jkunx ġie finalment adottat qabel il-bidu tas-sena finanzjarja, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar, inkluż Jannar, wieħed minn tnax tal-ammont tar-riżorsi tal-VAT, u r-riżorsa addizzjonali, b'kont meħud tal-effett ta' dawk ir-riżorsi fuq il-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u t-tnaqqis gross mogħti lill-Olanda u lill-Isvezja, imdaħħlin fl-aħħar baġit finalment adottat; l-aġġustament għandu jsir fl-ewwel data li tmiss wara l-adozzjoni finali tal-baġit jekk dan ikun adottat qabel is-16 tax-xahar. Altrimenti, l-aġġustament għandu jsir fit-tieni data li tmiss ta' wara l-adozzjoni finali tal-baġit.

4. Kull Stat Membru għandu, abbażi tal-istqarrija annwali fuq il-bażi tar-riżorsi tal-VAT stipulati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89, ikun iddebitat b'ammont ikkalkulat mill-informazzjoni li tinsab fl-imsemmija stqarrija bl-applikazzjoni tar-rata

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

▼M2

uniformi adottata għas-sena finanzjarja preċedenti u kkreditat bit-12-il pagament magħmula matul dik is-sena finanzjarja. Madankollu, il-bażi tar-riżorsi tal-VAT ta' kull Stat Membru li għaliha hija applikata r-rata ta' hawn fuq ma tistax teċċedi l-perċentwal determinat bl-Artikolu 2(1)(b) ta' Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, tad-DGN tiegħu, kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 7 ta' dak l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-bilanċ u għandha tinforma lill-Istati Membri fil-waqt biex huma jkunu jistgħu jdaħħluh fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru tal-istess sena.

5. Kwalunkwe korrezzjoni tal-bażi tar-riżorsi tal-VAT taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 għandha twassal biex kull Stat Membru kkonċernat li l-bażi tiegħu, meta jitqiesu dawn il-korrezzjonijiet, ma teċċedix il-perċentwali ddeterminati mill-Artikoli 2(1)(b) u 10(2) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, għall-aġġustamenti li ġejjin għall-bilanċ imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu:

— il-korrezzjonijiet taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 magħmula sal-31 ta' Lulju għandhom iwasslu għal aġġustament ġenerali li għandu jitniżżel fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru tal-istess sena. Madankollu, aġġustament partikolari jista' jiddaħħal qabel dik id-data jekk l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan,

— meta l-miżuri li tieħu l-Kummissjoni permezz tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 biex tikkorreġi l-bażi jwassal għal aġġustament tad-dħul fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament, dak l-aġġustament għandu jsir fid-data speċifikata mill-Kummissjoni f'konformita' mal-miżuri msemmija.

It-tibdil għad-DGN imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu għandu wkoll iwassal għal aġġustament tal-bilanċ ta' kwalunkwe Stat Membru li l-bażi tiegħu, meta jitqiesu dawn il-korrezzjonijiet, ikollha bħala massimu stabbilit il-perċentwali determinati bl-Artikolu 2(1)(b) u 10(2) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dawn l-aġġustamenti fil-waqt biex dawn ikunu jistgħu jdaħħluhom fil-kont msemmi fl-Artikolu 9(1) fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru tal-istess sena.

Iżda, aġġustament partikolari jista' jiddaħħal fi kwalunkwe żmien jekk l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan.

6. Abbażi tal-figuri għad-DGN aggregat bil-prezzijiet tas-suq u l-komponenti tiegħu mis-sena ta' qabel, forniti mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, kull Stat Membru għandu jiġi ddebitat bl-ammont ikkalkulat billi tiġi applikata għad-DGN ir-rata adottata għas-sena finanzjarja preċedenti u kkreditat bil-ħlasijiet magħmula matul dik is-sena finanzjarja ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-bilanċ u għandha tinforma lill-Istati Membri fil-waqt biex dawn ikunu jistgħu idaħħluh fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru tal-istess sena.

7. Kull kambjament fid-DGN tas-snin finanzjarji preċedenti konformement mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, suġġett għall-Artikolu 5 tiegħu, għandu jwassal għal kull Stat Membru kkonċernat, għal aġġustament tal-bilanċ stabbilit konformement mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dan l-aġġustament għandu jiġi stabbilit bil-mod preskritt fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dawn l-aġġustamenti biex huma jkunu jistgħu jdaħħluhom fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru tal-istess sena. Wara t-30 ta' Settembru tar-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari, kull tibdil fid-DGN m'għandux

▼M2

aktar ikun meqjus, ħlief fuq punti nnotifikati f'dan il-limitu ta' żmien jew mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru.

8. L-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4 sa 7 jikkonstitwixxu modifikazzjonijiet għall-introjtu fir-rigward tas-sena finanzjarja li fiha jseħħu.

9. It-tnaqqis gross mogħti lill-Olanda u lill-Isvezja għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha. M'għandu jkun hemm l-ebda reviżjoni sussegwenti tal-finanzjament ta' dak it-tnaqqis gross f'każ ta' modifiki sussegwenti taċ-ċifra tad-DGN.

10. Konformement mal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, "DGN" għandu jfisser id-DGN għal dik is-sena fi prezzijiet tas-suq kif definit mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, minbarra għas-snin ta' qabel l-2002, li għalihom il-PGN bil-prezzijiet tas-suq, kif definit mid-Direttiva 89/130/KEE, Euratom, ikompli jkun ir-referenza għall-kalkolu tar-riżorsa addizzjonali.

▼M1

Artikolu 10a

1. Fejn, skond it-Trattat ta' Amsterdam u l-Protokolli 4 u 5 tiegħu, Stat Membru ma jieħux sehem fil-finanzjament ta' azzjoni jew politika speċifika ta' l-Unjoni, għandu jkun intitolat għal aġġustament, ikkalkulat skond il-paragrafu 2, ta' l-ammont li ħallas f'riżorsi proprji fir-rigward ta' kull sena li fiha ma ħax sehem. Dan l-aġġustament għandu jsir darba biss u għandu jkun finali fl-eventwalità ta' modifikazzjoni sussegwenti tal-figura tal- ►M2 DGN ◄.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-aġġustament matul is-sena li tiġi wara s-sena finanzjarja konċernata, fl-istess waqt li tiddetermina l-bilanċi tal- ►M2 DGN ◄ previsti fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

Il-kalkolu għandu jsir abbażi tal-figuri relatati mas-sena finanzjarja in kwistjoni:

— il- ►M2 DGN ◄ aggregat bil-prezzijiet tas-suq u l-komponenti tiegħu;

— l-eżitu tal-*budget* tan-nefqa operazzjonali li tikkorrispondi mal-miżura jew mal-politika in kwistjoni.

L-aġġustament għandu jkun daqs il-riżultat tal-moltiplikazzjoni ta' l-ammont totali tan-nefqa in kwistjoni, bl-eċċezzjoni ta' dik iffinanzjata minn pajjiżi terzi parteċipanti, bil-persentaġġ li l- ►M2 DGN ◄ ta' l-Istat Membru li hu intitolat għall-aġġustament jirrapreżenta fil- ►M2 DGN ◄ ta' l-Istati Membri kollha. L-aġġustament għandu jiġi finanzjat mill-Istati Membri parteċipanti skond skala determinata billi jiġi diviż il- ►M2 DGN ◄ rispettiv tagħhom bil- ►M2 DGN ◄ ta' l-Istati Membri parteċipanti kollha. Bil-għan li jiġi kalkolat l-aġġustament, l-ammonti għandhom jiġu konvertiti mill-munita nazzjonali għall-euro bir-rata tal-kambju fl-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena tal-kalendarju li tiġi qabel is-sena tal-*budget* konċernata.

M' għandha ssir l-ebda reviżjoni sussegwenti ta' dan l-aġġustament fil-każ ta' modifika sussegwenti tal-figura tal- ►M2 DGN ◄.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri fi żmien xieraq bl-ammont ta' l-aġġustament sabiex ikunu jistgħu jakkreditawh fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament fl-ewwel jum ta' xogħol ta' Diċembru.

Artikolu 11

1. Kwalunkwe dewmien fid-dħul fil-kontijiet imsemmi fl-Artikolu 9(1) għandu jagħti lok għall-ħlas ta' l-interessi min-naħa ta' l-Istat Membru konċernat.

▼M1

2. ►C1 Fil-każ ta' Stati Membri li jagħmlu parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata ta' l-interessi għandha tkun daqs ir-rata kif pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, serje C, li l-Bank Ċentrali Ewropew applika għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid ◄, fl-ewwel jum tax-xahar li fih ħabtet id-data dovuta, miżjuda b'żewġ punti ta' persentaġġ.

Din ir-rata għandha tiġi miżjuda b'0.25 ta' punt ta' persentaġġ għal kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tiġi applikata għall-perijodu kollu ta' dewmien.

3. Fil-każ ta' Stati Membri li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata għandha tkun daqs ir-rata applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni mill-Banek Ċentrali għall-operazzjonijiet prinċipali tagħhom ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'żewġ punti ta' persentaġġ, jew, għall-Istati Membri li għalihom ir-rata tal-Bank Ċentrali mhix disponibbli, l-iktar rata ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni fis-suq tal-flus ta' l-Istat Membru, miżjud b'żewġ punti ta' persentaġġ. Din ir-rata għandha tiġi miżjuda b'0.25 ta' punt ta' persentaġġ għal kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tiġi applikata għall-perijodu kollu ta' dewmien.

▼M2

4. Għall-ħlas tal-interessi msemmija fil-paragrafu 1, Artikolu 9(1a) u (2) għandu japplika mutatis mutandis.

▼B

TITOLU IV

Amministrazzjoni tar-riżorsi ta' flus

Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni għandha tiġbed mis-somom ikkreditati fil-kontijiet msemmija fl-Artikolu 9(1) sal-limiti meħtieġa biex tkopri il-ħtiġiet tagħha għal-riżorsi ta' flus li joriġinaw mill-implimentazzjoni tal-*budget*.

2. Jekk il-ħtiġiet ta' riżorsi ta' flus ikunu aktar mill-assi fil-kontijiet, il-Kummissjoni tista' tiġbed b'eċċess ta' l-assi totali suġġett għad-disponabilita' ta' approprazzjonijiet fil-*budget* u fil-limiti tar-riżorsi tagħha proprji mdaħħla fil-*budget*. F'dan il-każ, hi għandha tinforma lill-Istati Membri bil quddiem bil-ħtiġiet ta' eċċess li hija tkun tista' tipprevedi.

3. Fil-każ uniku ta' nuqqas permezz ta' self ikkuntrattat jew iggarantit bis-saħħa ta' regolamenti u deċiżjonijiet tal-Kunsill, f'ċirkostanzi li fihom il-Kummissjoni ma tkunx tista' tattiva miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom f'dawn l-arranġementi finanzjraji li japplikaw għal dawn is-self fil-waqt biex tassigura twettieq ma' l-obligazzjonijiet legali tal-Komunità lejn dawk li jisilfu, paragrafi 2 u 2 jistgħu proviżjonalment ikunu applikati irrispettivament mill-kondizzjonijiet f'paragrfu 2, biex ikunu ittrattati id-dejn tal-Komunità.

4. Id-differenza bejn l-assi totali u l-ħtiġiet ta' riżorsi ta' flus għandha tkun maqsuma fost l-Istati Membri, sakemm ikun possibli, bi proporzjon tad-dħul tal-estimi tal-*budget*, minn kull wieħed minnhom.

▼M1

5. ►M2 L-Istati Membri, jew il-korpi appuntati minnhom, għandhom jeżegwixxu l-ordnijiet ta' ħlas tal-Kummissjoni fuq istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u f'mhux aktar minn tlitt ijiem tax-xogħol mill-jum tar-riċezzjoni. ◄ Madanakollu, fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ċaqliq ta' kontanti, l-Istati Membri għandhom jeżegwixxu l-ordnijiet fil-perijodu mitlub mill-Kummissjoni.

▼M2

L-Istati Membri, jew il-korpi appuntati minnhom, għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi u mhux aktar tard mit-tieni jum

▼M2

tax-xogħol wara t-twettiq ta' kull tranżazzjoni, rendikont tal-kont li juri l-movimenti relatati.

▼M1

▼B

TITOLU VI

▼M1

Proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tad- ►M2 Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom ◄

Artikolu 15

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tad- ►M2 Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom ◄, il-bilanċ ta' sena finanzjarja partikolari għandu jikkonsisti fid-differenza bejn:

— id-dħul kollu miġbur fir-rigward ta' dik is-sena finanzjarja,

u

— l-ammont ta' pagamenti magħmula fuq approprjazzjonijiet għal dik is-sena finanzjarja miżjuda bl-ammont ta' approprjazzjonijiet għall-istess sena finanzjarja miġjuba l-quddiem skond l-Artikolu 9 tar-Regolament Finanzjarju. Din id-differenza għandha tiġi miżjuda jew imnaqqsa, min-naħa l-waħda, bl-ammont nett ta' approprjazzjonijiet miġjuba l-quddiem minn snin finanzjajri preċedenti li ġew ikkanċellati u, min-naħa l-oħra, b' deroga mill-Artikolu 5 (1) tar-Regolament Finanzjarju, minn:

  — pagamenti magħmula b' eċċess minn approprjazzjonijiet mhux differenzjati miġjuba l-quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti taħt l-Artikolu 9 (1) u (4) tar-Regolament Finanzjajru b' riżultat ta' kambjament fir-rati ta' l-euro,

  u

  — l-bilanċ li jirriżulta mill-qliegħ u t-telf mill-kambju matul is-sena finanzjarja.

▼B

Artikolu 16

Il-Kummissjoni għandha, qabel l-aħħar t'Ottubru ta' kull sena finanzjaraja, tagħmel stima tar-riżorzi tagħha miħbura għas-sena sħieħa, fuq il-bażi tad-dettalji li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha f'dak iż-żmien.

▼M1

Kwalunkwe differenzi apprezzabbli relatati ma' l-istimi oriġinali jistgħu jagħtu lok għal ittra ta' emenda fl-abbozz preliminarju tal-*budget* għas-sena finanzjarja segwenti jew *budget* rettifikattiv għas-sena finanzjarja kurrenti.

▼B

Għall-operazzjonijiet msemmija fl- ►M2 Artikolu 10(4) sa (7) ◄, l-ammont ta' introjtu esiġit fl-estimi għas-sena finanzjaraja kurrenti jista' jiżdied jew jitnaqqas, permezz ta' emenda fl-estimi, bl-ammont li jirriżulta minn dawn l-operazzjonijiet.

▼B

TITOLU VII

Dispożizzjonijiet rigward miżuri ta' spezzjoni

Artikolu 17

1. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-ammont korrispondenti ta' l-intitolament stabbilita permezz ta' l-Artikolu 2 isir magħmul disponibbli lill-Kummissjoni kif speċifikat f'dan ir-Regolament.

▼M1

2. L-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu għal drittijiet stabbiliti li jirriżultaw irrekuperabbli minħabba:

(a) raġunijiet ta' *force majeure*; jew

(b) raġunijiet oħra li ma jistgħux jiġu attribwiti lilhom.

L-ammonti ta' drittijiet stabbiliti għandhom jiġu dikjarati irrekuperabbli b'deċiżjoni ta' l-awtorità amministrattiva kompetenti li ssib li ma jistgħux jiġu rkuprati.

L-ammonti ta' drittijiet stabbiliti għandhom jiġu kkunsidrati bħala irrekuperabbli, sa mhux aktar tard, wara perijodu ta' ħames snin mid-data li fiha l-ammont ikun ġie stabbilit skond l-Artikolu 2 jew, fil-każ ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju, id-deċiżjoni finali tkun ġiet mogħtija, notifikata jew pubblikata.

Jekk ikunu ġew riċevuti ħlasijiet jew ħlasijiet parzjali, il-perijodu ta' ħames snin massimu għandu jibda' mid-data ta' l-aħħar ħlas li ġie magħmul, fejn dan ma temmx id-dejn.

L-ammonti dikjarati jew ikkunsidrati bħala irrekuperabbli għandhom jiġu mneħħija b'mod definittiv mill-kontijiet separati msemmija fl-Artikolu 6(3)(b). Għandhom jintwerew f'anness mad-dikjarazzjoni trimestrali msemmija fl-Artikolu 6(4)(b) u, fejn applikabbli, fid-dikjarazzjoni trimestrali msemmija fl-Artikolu 6(5).

3. Fi żmien tliet xhur mid-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 2 jew skond il-limiti ta' żmien imsemmija f'dak il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar dawk il-każijiet fejn il-paragrafu 2 ġie applikat sakemm id-drittijiet stabbiliti involuti jaqbżu l-€50 000.

Dan il-kwadru ta' żmien jista' jiġi estiż sa massimu ta' tliet snin mill-Istati Membri għal każijiet ta' drittijiet stabbiliti li ġew dikjarati bħala irrekuperabbli jew ikkunsidrati irrekuperabbli qabel l-1 ta' Lulju 2006.

Dan ir-rapport, li għandu jsir fuq formola li għandha tiġi provduta mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta l-kumitat imsemmi fl-Artikolu 20, għandu jinkludi l-fatti kollha meħtieġa għal eżami sħiħ tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 2(a) u (b) li ostakolaw lill-Istat Membru konċernat milli jagħmel disponibbli l-ammonti in kwistjoni u l-miżuri ta' rkupru li l-Istat Membru ħa fil-każ jew fil-każijiet in kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha sitt xhur minn meta tirċievi r-rapport previst fil-paragrafu 3 biex tibgħat il-kummenti tagħha lill-Istat Membru konċernat.

Fejn il-Kummissjoni tara li hemm bżonn li tintalab informazzjoni addizzjonali, il-limitu ta' żmien ta' sitt xhur għandu jibda' jgħodd mid-data meta tasal l-informazzjoni supplimentari mitluba.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, permezz ta' rapporti annwali, bid-dettalji u r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet tagħhom u bl-informazzjoni ġenerali u l-kwistjonijiet ta' prinċipju li jikkonċernaw l-aktar problemi importanti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, kwistjonijiet li dwarhom hemm tilwima. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sa l-1 ta'

▼M1

Marzu tas-sena li tiġi wara s-sena finanzjarja in kwistjoni. Ir-rapport sommarju dwar in-notifiki minn Stati Membri taħt dan l-Artikolu għandu jinstab fir-rapport tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 280(5) tat-Trattat. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 20, tfassal rapport u emendi tiegħu debitament sostanzjati. Għandhom jiġu previsti kwalunkwe limiti ta' żmien xierqa għall-implimentazzjoni.

▼B

Artikolu 18

►M2 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki u kontrolli li jirrigwardaw l-istabbiliment u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji, imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom. ◄ Il-Kummissjoni għandha teżerċita l-poteri tagħha kif speċifikati f'dan l-Artikolu.

2. Bis-saħħa tal-paragrafu 1, Stati Membri għandhom:

(a) iwettqu miżuri ta' spezzjonar addizzjonali fuq it-talba tal-Kummissjoni. Fit-talba tagħha, l-Kummissjoni għandha tistqarr ir-raġunijiet għal spezzjonar addizzjonali,

(b) jassoċja lill-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha, ma' miżuri ta' spezzjonat li huwa jwettqu.

Stati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiffaċilitaw dawn il-miżuri ta' spezzjonar. Meta l-Kummissjoni tkun assoċjata ma dawn il-miżuri, Stati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 3.

Biex miżuri ta' spezzjonar addizjonali jkunu ristretti għal mimimu:

(a) il-Kummissjoni tista', f'każijiet speċifiċi, titlob li ċerti dokumenti jintbgħatu lilha;

(b) fl-istqarrijiet ta' kull xahar tal-kontijiet msemmija fl-Artikolu 6(4), l-ammonti mdaħħla fil-kontijiet li għandhom x'jaqsmu ma' irregolaritajiet jew dewmien fl-amministrazzjoni, dħul fil-kontijiet u d-disponiment tar-riżorsi tagħha, misjuba waqt l-ispezzjonar msemmi hawn fuq, għandhom ikunu identifikati permezz ta' noti xierqa.

3. Mingħajr preċudizju għal paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni tista' hija nnifisha twettaq miżuri ta' spezzjonar fuq il-post. L-aġenti awtoriżżati mill-Kummissjoni għak dawn il-miżuri ta' spezzjonar għandhom ikollhom aċċess, sakemm l-applikar korrett ta' dan ir-Regolament hekk ikun jenħtieg, għad-dokumenti sostenituri msemmija fl-Artikolu 3 u għal xi dokumenti oħra xierqa marbuta ma dawk id-dokumenti sostenituri. F'komunikazzjoni ssostanzjata kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tgħati avviż ta' dan l-ispezzjonar fi żmien xieraq lill-Istat Membru li fieh il-miżuri ta' spezzjonar ikunu sejrin iseħħu. Aġenti ta' l-istat Membru kkonċernat għandhom jipparteċipaw f'dawk il-miżuri ta' spezzjonar.

4. Il-miżuri ta' spezzjonar msemmija f'paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jippreġudikaw:

(a) miżuri ta' spezzjonar meħudha minn Stati Membri bi qbil mad-dispożizzjonijiet tagħhom preskritti bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva;

(b) l-miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikoli 246, 247, 248 u 276 tat-Trattat KE u l-Artikoli 160a, 160b, 160c u 180b tat-Trattat EAEC;

▼M2

(ċ) l-arranġamenti ta' spezzjonar magħmula taħt l-Artikolu 279(1)(b) tat-Trattat KE u l-Artikolu 183(1)(b) tat-Trattat KEEA.

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport ta' kull tliet snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonar ta' l-arranġamenti ta' spezzjonar.

Artikolu 19

Flimkien ma' l-Istat Mmebru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha ta' kull sena tispezzjona l-aggregati miġbura għal żbalji fil-kompilar, speċjalment f'każijiet notifikati mill-kumitat ta' amministrazzjoni tal-►M2 DGN ◄. Meta tagħmel hekk tista, f'każijiet ndividwali, teżamina wkoll il-kalkolazzjonijiet għal statistiċi bażiċi, apparti minn informazzjoni dwar kumpaniji jew persuni ndividwali, meta l-ebda assessjar xieraq ma jkunx b'mod ieħor possibli. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta d-dispożizzjonijiet legali nazzjonali u l-preservazzjoni tal-kunfidenzjalita' ta' l-istatistika.

TITOLU VIII

Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kumitat Konsultattiv tar-Riżorsi tal-Komunitajiet innifishom.

Artikolu 20

1. Kumitat Konsultattiv tar-Riżorsi tal-Komunitajiet Innifishom, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-kumitat”, huwa b'hekk imwaqqaf.

2. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rapreżentanti ta' l-istati Membri u tal-Kummissjoni. Kull Stat Membru għandu jkun irrapreżentat fuq il-Kumitat b'mhux aktar minn ħames uffiċjali.

Iċ-*chairman* tal-kumitat għandu jkun it-rapreżentant tall-Kummissjoni. Is-servizzi ta' segretarjat tal-kumitat għandhom ikunu ipprovduti mill-Kummissjoni.

3. Il-kumitat għandu jadotta ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

Artikolu 21

1. Il-kumitat għandu jeżamina l-kwestjonijiet imqajma miċ-chairman tiegħu fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tar-rapreżentant ta' Stat Membru li tikkonċerna l-applikar ta' dan ir-Regolament, speċjalement f'dak li għandu x'jaqsam ma:

(a) l-informazzjoni u rapporti msemmija fl-Artikoli 4(1)(b), 6, 7 u 17 (3);

(b) il-każijiet ta' *force majeure* msemmija fl-Artikolu 17(2);

▼M1

(ċ) il-miżuri ta' spezzjoni u l-kontrolli stabbiliti fl-Artikolu 18(2) u (3).

▼B

Il-kumitat għandu wkoll jeżamina l-estimi tar-riżorsi tagħha.

2. Fuq talba taċ-chairman, il-kumita għandu jwassal l-opinjoni tiegħu fiż-żmien limitat li ċ-*chairman* jista' jesiġi skond l-urġenza tal-materja f'dak il-każ, jekk meħtieġ billi jittieħed vot. L-opinjoni għandha tkun irreġistrata fil-minuti; b'żieda, kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob li jkollu l-pożizzjoni tiegħu irreġistrata f'dawn il-minuti. Il-Kummissjoni għandha tieħu akkont l-aktar possibli tal-opinjoni mogħtija mill-kumitat. Għandha tinforma lill-kumitat bil-majera li biha l-opinjoni tiegħu tkun ġiet ikkunsidrata.

▼M1

TITOLU IX

Disposizzjonijiet transitorji

▼C1

Artikolu 21a

Ir-rata prevista fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 2028/2004 tas-16 ta' Novembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728 KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet ([1]) għandha tkompli tapplika għall-kalkolu ta' interessi għall-ħlasijiet tardivi fejn id-data dovuta taħbat qabel it-tmiem tax-xahar li fih jidħol fis-seħħ l-imsemmi Regolament (KE, Euratom) 2028/2004.

▼B

TITOLU ►M1 X ◄

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 22

Regolament (KEE) Nru 1552/89 għandu jkun imħassar.

Referenzi għall-imsemmi Regolament għandhom ikunu meqjusa bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella ta' korrelazzjoni esiġita f'Parti A ta' dan l-Anness.

Artikolu 23

Dan ir-Regolament għandu jidħol b'effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 352, 27.11.2004, p. 1.

▼B

ANNESS

PARTI A

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 2 (1a)	L-Artikolu 2(2)
L-Artikolu 2 (1b)	L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(4)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
L-Artikolu 6(1)	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 6 (1a)	L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 6(2)(a)	L-Artikolu 6(3)(a)
L-Artikolu 6(2)(b)	L-Artikolu 6(3)(b)
L-Artikolu 6(2)(ċ)	L-Artikolu 6(3)(ċ)
L-Artikolu 6(2)(d)	L-Artikolu 6(3)(d)
L-Artikolu 6(3), punt (a)	L-Artikolu 6(4), l-ewwel sub-paragrafu, punt (a)
L-Artikolu 6(3), punt (b), l-ewwel paragrafu	L-Artikolu 6(4), l-ewwel sub-paragrafu, punt (b)
L-Artikolu 6(3), punt (b), it-tieni paragrafu	L-Artikolu 6(4), it-tieni sub-paragrafu
L-Artikolu 6(4)	L-Artikolu 6(5)
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12	Artikolu 12
Artikolu 13	Artikolu 13
Artikolu 14	Artikolu 14
Artikolu 15	Artikolu 15
Artikolu 16	Artikolu 16
Artikolu 17	Artikolu 17
L-Artikolu 18(1)	L-Artikolu 18(1)
L-Artikolu 18(2), l-ewwel sub-paragrafu, l-ewwel indent	L-Artikolu 18(2), l-ewwel sub-paragrafu, punt (a)
L-Artikolu 18(2), l-ewwel sub-paragrafu, it-tieni indent	L-Artikolu 18(2), l-ewwel sub-paragrafu, punt (b)
L-Artikolu 18(2), it-tieni paragrafu	L-Artikolu 18(2), it-tieni sub-paragrafu
L-Artikolu 18(2), it-tielet paragrafu	L-Artikolu 18(2), it-tielet sub-paragrafu
L-Artikolu 18(3)	L-Artikolu 18(3)
L-Artikolu 18(4)	L-Artikolu 18(4)

▼B

Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 18(5)	L-Artikolu 18(5)
Artikolu 19	Artikolu 19
Artikolu 20	Artikolu 20
Artikolu 21	Artikolu 21
Artikolu 22	—
Artikolu 23	—
—	Artikolu 22
—	Artikolu 23
—	L-Anness

PARTI B

Regolamenti li jemendaw Regolament (KEE, Euratom) Nru 1552/89

Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 3464/93 ta' l-10 ta' Diċembru 1993 (ĠU L 317 tat-8.12.1993, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2729/94 ta' l-31 t'Ottubru 1994 (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 5).

Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1355/96 tat-8 ta' Lulju 1996 (ĠU L 175, tat-13.7.1996, p. 3).